# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

minn G. ZARB ADAMI

Qabel ma ntemm dan it-tagħrif li ġbart minn hawn u minn hemm dwar l-ewwel 20 sena ta' l-istorja mżewqa tal-Akkademja tal-Malti, nixtieq li nsemmi dawn it-ftit irqaqat biex ma jintesewx; hemm minnhom li huma ta' importanza żgħira, oħrajn aktar importanti u li jaqbżu l-għoxrin sena — 1920/1940; iżda kollha jistgħu jkunu ta' siwi biex wieħed jagħraf aħjar x'kienet il-qagħda tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ta' l-Ilsien Malti.

**DJARJU QASIR:**

**7.9.1920.** Sejħa fi **Il-Ħabib** biex il-kittieba tal-Malti jingħaqdu flimkien bl-għan li jibdew jiktbu b'ortografija waħda u jxerrdu t-tagħlim u l-qari ta' l-Ilsien Malti, miktub b'arti letterarja.

**9.11.1920.** Is-Sur Alfons Marija Galea jikteb: "Nixteqilhom kull success lill-kittieba tal-Malti li jingabru f'għaqda bil-ħsieb li jiddedikaw irwieħhom għall-ortografija Maltija; jisgħobbini li mħabba l-ħafna xogħol li għandi ma nistax nilqa' l-istedina li nieħu sehem." Is-Sur Fons baqa' jikteb u jistampa bl-ortografija tiegħu l-qadima, imma kien jagħti permess li jistampawlu xi xogħlijiet bl-ortografija tal-Għaqda.

**14.11.1920.** L-ewwel laqgħa — f'd-Dar ta' l-"Unione Cattolica San Giuseppe" il-belt Valletta. Twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Marru għal-laqgħa 36 ruħ. Inħatru l-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi bħala President, u s-Sur Franġisku Saverju Caruana bħala Segretarju. Inħatret ukoll il- Kummissjoni "Tagħrif fuq il-Kitba Maltija".

**26.12.1920.** Laqgħa ma' l-istampaturi.

**18.12.1921** Il-Kummissjoni dwar l-Alfabet ressqet l-abbozz quddiem laqgħa ġenerali.

**7.5.1922.** Tressaq u għadda l-ewwel statut. Inħatar l-ewwel kumitat.

**10.5.1922.** Il-Professur Sir Temi Zammit kiteb hekk lis-Segretarju tal- Għaqda: "Nittama li saħħti u żmieni jħalluni nagħmel xi ħaġa sewwa għall-ġid tal-Għaqda; għax waħda mill-ftit ħwejjeġ li għandi xewqa nara sejrin 'il quddiem qabel ma nagħlaq għajnejja hi li l-Ilsien Malti jkun magħruf, kif imissu, minn kulħadd f'dawn il-gżejjer tagħna u meqjum kif jixraqlu mill-barranin".

**31.7.1922.** Kummissjoni, imwaqqfa biex tissuġġerixxi **meżżi ħalli jinġabru flus** biex jiġu stampati xi xogħlijiet uffiċjali **tal-Għaqda, ressqet ir-rapport tagħha. Ir-**rapport kien stampat u ħareġ mill-Istamperija Giov. Muscat, Valletta.

**27.2.1923.** Talba lill-Gvern għal £30 għall-istampar tal-grammatka tal-Għaqda.

**3.2.1923.** Biex jinġabru l-flus meħtieġa sar Kunċert mill-**Malta Union of Teachers** fit-teatru Manoel. F'dan il-Kunċert tkanta għall-ewwel darba l-Innu Malti miktub minn Dun Karm fuq il-mużika tal-Professur Samut. F'dan l-istess Kunċert inħadmu xeni mill-Ewwel u t-Tieni Att tad-dramm poetiku ta' Ninu Cremona, **Il-Fidwa tal-Bdiewa.**

**16.3.1923.** Mozzjoni fil-Parlament — il-Partit Kostituzzjonali ressaq mozzjoni minn R. Hamilton — biex il-Malti jsir ilsien uffiċjali; il-mozzjoni kienet sekondata mill-Partit tal-Ħaddiema, imma waqgħet bi 15-il vot kontra, u 12 favur.

**2.11.1923.** L-Eżekuttiv tal-Partit Kostituzzjonali jistqarr li l-Malti biss hu l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta.

**22.11.1923.** Turu Mifsud iressaq mozzjoni fil-Kamra tar-Rappreżentanti (Parlament) biex il-Gvern stess jistampa il-grammatka tal-Għaqda. Il-Gvern laqa' dik il-proposta.

**23.12.1923.** Il-Kumitat tal-Għaqda ħa ritratt fi Chretien Studio biex iservi bħala tifkira.

**7.5.1924.** Is-Segretarju talab lill-Gvern — imma għal xejn — biex l-Għaqda tingħatalha kamra f'Palazzo de la Salle biex isservìha bħala Dar tagħha u bħala Librerija Speċjalizzata dwar dokumenti, kitba u stampa bil-Malti jew dwar l-Ilsien Malti.

**1.11.1924.** Twaqqfet Kmumissjoni bil-ħsieb li tħejji proġett għall-ħruġ ta' rivista li tkun l-organu tal-Għaqda — Il-Malti; ir-rapport tressaq fil-21.12.1924.

**3.11.1924.** Il-Gvern qata' li fil-Liceo, il-Belt, tibda filgħaxija klassi tal-Malti; surmast: Ninu Cremona. Ftit resqu u l-ħsieb ma seħħx.

**1.3.1925.** Laqgħa akkademika f'Palazzo de la Salle: is-Sur Nin Cremona qara l-kitba tiegħu fuq "X'Inhu l-Malti Safi".

**13.3.1925.** Fis-Senat: L-Onor. Mons. E. Dandria, Ministru tat-Tagħlim Pubbliku ta din it-tweġiba bit-Taljan lill-Onor. Senatur Kav. A. Sammut. "...... kien hemm Xirka ta' kittieba Maltin jisimha "Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għat-tixrid u t-tagħlim ta' l-Ilsien Malti (per lo 'standarisation of the Maltese Language'). Din ix-Xirka kienet talbet li l-Gvern jistampalha x-xogħol tagħha (it-

**Tagħrif fuq il-Kitba Maltija)** u kien sar ħekk. Ma naħsebx li l-Gvern jista' jkollu nies aħjar minn dawk li lestew u għenu għall-ħruġ ta' dan ix-xogħol."

**17.3.1925.** L-Eżekuttiv tal-Partit tal-Ħaddiema, permezz ta' ittra miktuba mis-Sur Gużè Orlando, bħala Segretarju Ġenerali, għarraf lis-Segretarju tal-Għaqda li kien qata' li l-ortografija li ser jibda juża uffiċjalment kienet ser tkun dik tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

**24.3.1925.** Fil-Kamra tar-Rappreżentanti.
Sir Gerald Strickland, Kap tal-Oppożizzjoni ressaq mozzjoni biex il-Kostituzzjoni tkun stampata bil-Malti.

**Marzu, 1925.** Beda joħroġ IL-MALTI, l-organu uffiċjali tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti; Editur: il-President, il-Kav. Gużè Muscat Azzopardi.

**13.6.1926.** Patri Rafel Nakhla, S.J., Orjentalista magħruf, kiteb: "C'est avec le plus grand plaisir que j'ai lu votre 'Ward Ieħor'; que votre poesie est elevèe et elevant! Aucun livre ne m'a fait aimer et gouter la belle langue maltaise, autant que le votre".

**Settembru, 1926.** Tnedija ta' Konkors ta' Kitba ta' Novelli.

**17.10.1926.** Tressaq Statut ġdid li reġa' kien emendat it-18.12.1927, meta l-l-Għaqda saret magħrufa ukoll bħala Akkademja ta' l-Ilsien Malti.

**1926.** Żjieda ta' Numru Speċjali ta' IL-MALTI — miktub kollu kemm hu mill-istudenti tal-Università.

**4.8.1927.** Mewt tal-Kavallier Guże Muscat Azzopardi, Fundatur u l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.
Laħaq President minn floku Mons. Dun Karm Psaila.

**15.1.1928.** L-Istatut imsemmi fid-data 17.10.1926. tressaq quddiem il-Laqgħa Ġenerali u għadda.

**28.8.1928.** Fil-Laqgħa tal-Orjentlisti li saret f'Oxford, l-Ingilterra, ir-Rev. Dr. C.L. Dessoulavy ta' Londra, irrapreżenta lill-Għaqda u qara studju fuq "The Evolution of Maltese as a Written Language and its Affinities with other Oriental Languages" — imħejji mir-Rev. Prof P.P. Saydon u s-Sur Nin Cremona.

**1928.** Bħala tifkira tal-mibki Fundatur tagħha l-Għaqda ppubblikat Numru Speċjali ta' IL-MALTI.

**26.7.1929.** Fil-Parlament tressqet mozzjoni biex issir liġi ħalli l-Malti jkun l-ilsien tal-Qrati u ta' l-Atti Notarili.

**24.11.1929.** Laqgħa tal-Għaqda li fiha nqata' li ssir talba lill-Gvern biex jad-

dotta l-ortografija tal-Għaqda fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali. Din it-talba tressqet fil-5 ta' Diċembru, 1929.

**Ottubru, 1929.** Beda jkun imgħallem il-Malti fil-Liceo klassi ta' tletin student; fl-aħħar tas-sena skolastika tmienja resqu għall-eżami.

**3.12.29.** Mons. Dun Karm Psaila kiteb lir-Rev. Dr. C.L. Dessoulavy li l-Akkademja tal-Ilsien Malti jew il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet ħatritu "Honorary Member of the Society "bħala wirja ta' radd il-ħajr għall-qari tal-"paper on Maltese read by him at Oxford".

**Ġunju, 1930.** Spiċċat b'eżami l-ewwel sena tat-tagħlim tal-Malti fil-Liceo. Dan it-tagħlim ma kienx imsejjes fuq l-alfabet tal-Għaqda.

**5.9.1930.** Fil-każin tal-Partit tal-Ħaddiema jew Labour Party tal-Isla infetħet Kamra tal-Qari mżejna b'ritratti ta' kittieba tal-Malti, fosthom dak tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, Pawlu Bellanti, Sir Temi Zammit, Mons. Dun Karm Psaila, Ġanni Vassallo Prof. Dun P.P. Saydon, Ninu Cremona u G.M. Vassallo, Napuljun Tagliaferro, u wara xi żmien b'dak ukoll ta' Mikiel Anton Vassalli.

**26.1.1931.** Twaqqfet l-Għaqda tal-Malti (Univ.) mill-istudenti Rużar Briffa u Guzè Bonnici. Kellha bħala Membri 21 studenti, fosthom Anton Buttigieg Arthur Valenzia, Mary Caruana, Gużè Aquilina. L-ewwel President kien Rużar Briffa u wara sar minn floku il--Professur Saydon.

**Marzu, 1931.** L-Għaqda tal-Malti (Univ.) bdiet toħroġ **Leħen il-Malti.**

**19.4.1931. Kummissjoni Rjali:** Fost oħrajn xehed Sir Temi Zammit li fisser il-fehma tiegħu dwar il-post ta' l-Ilsien Malti fil-ħajja tal-pajjiż. Ir-rapport tal-Kummissjoni ħareġ fil-11 ta' Frar, 1932.

**12.9.1931.** Laurent Ropa, surmast fl-iskola ta' Sarthe, fejn Pariġi, u awtur tar-rumanz "Le Chant de la Noria" u ta' "Poetes Maltais" kiteb: "Je suis particulierment fier de constater que notre langue populaire est capable de produir des effets si beaux. Sous votre plume elle est, d'une sobriètè, d'une concision et d'une force digne des langues les plus litteraires". Dana huwa qalu wara li kien wasallu u qara l-aħħar numru ta' IL-MALTI.

**28.5.1932.** Patri Edmund Sutcliffe, S.J., Professur tal-Eseġesi tat-Testment il-Qadim u tal-Ebrajk fil-Kulleġġ ta' Heythrop, u l-awtur ta' "A GRAMMAR of the MALTESE LANGUAGE with Chrestomathy and Vocabulary" kiteb hekk: "Wasalli l-għadd ta' IL-MALTI ...... Qrajtu kollu; u bil-qari tiegħu tgħallimt kif (sic) hu sabiħ il-Ilsien Malti meta jiktbu bih kittieba li jagħarfu tajjeb ilsien misserijiethom u jżommuh safi minn kliem barrani"

**6.9.1932.** Cirkolari mid-Direttur ta' l-Iskejjel Elementari b'direttiva li l-Malti jkun mgħallem b'mod li jservi bħala għajnuna għat-tagħlim tat-Taljan.
Il-Professur Saydon, fil-Leħen il-Malti, disa' snin wara, għamel dan il-kumment: "il-Gvern ta' dak iż-żmien, b'nies imdaħħlin fih li llum magħruqin u maqfulin bħala għedewwa tas-saltna Ingliża u ta' Malta Ingliża, ħareġ ordni li l-Malti fl-iskejjel għandu jintgħallem u jinkiteb kif jitkellmuh u kif jinħass fil-widna u bħala għajnuna għat-Taljan. Li kien b'rajh dak il-Gvern neħħa l-Malti għal kollox mit-tagħlim. Imma l-Malti kien daħal fl-iskejjel b'liġi tal-Gvern Ingliż u l-Gvern ta' Malta li ma setax iħassar dik il-liġi fittex li jfixkilha u jinqeda biha bħala għodda kontra l-Maltin."

**1.10.1932.** Memorandum — protesta qawwija — tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti lill-Kap tal-Ministeru kontra ċ-ċirkolari tas-6 ta' Settembru, 1932.

**12.10.1932.** L-Għaqda tal-Malti (Univ.) għamlet l-istess xorta ta' protesta lill-Ministru tat-Tagħlim.

**24.10.1932.** "Il-Ministru tat-Tagħlim irid ikun jaf l-ismijiet ta' dawk li ħadu sehem fil-laqgħa u li riedu li ssir il-protesta — jew **osservazzjonijiet** — (sic.), kif ukoll il-minuti ta' l-istess laqgħa."

**Ottubru/Novembru, 1932.** L-Għaqda tal-Malti (Univ.) ma tħallitx iżżomm il-laqgħat tagħha fl-Università.

**9.11.1932.** L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti wieġbet lill-Ministru tat-Tagħlim li xejn ma kien qanqalha tagħmel dik il-protesta ħlief "xewqa safja li ma tħallix tinqered fl-Ilsien Malti dik li hi grammatka tiegħu li tagħżlu minn ilsna oħra" u li tqies li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex tagħti l-ismijiet tal-membri li kienu ħadu sehem fil-laqgħa li kienet saret għal dak l-iskop, kif ukoll li tibgħat kopja tal-minuti ta' l-istess laqgħa.

**21.11.1933.** Il-bwieb tal-Università reġgħu nfetħu għall-Għaqda tal-Malti (Univ.); kienu damu sena sħiħa magħluqa għaliha.

**1933.** Twaqqfet ix-"Xirka tal-Malti" bil-ħsieb li xxandar u tmexxi l-kitba bil-Malti miktuba bl-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

**3.6.1934.** Wasal Malta ir-Rev. Dr. C.L. Dessoulavy, Ph.D.

**5.6.1934.** The-tal-Laqgħa (sic) mogħti f'Westminster Hotel, Valletta, mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti lir-Rev. Dessoulavy.

**9.6.1934.** Taħdita mir-Rev.du Dessoulavy fl-Uffiċċju tat-Tagħlim fil-Belt lis-Surmastrijiet u l-Ispetturi tal-Iskejjel tal-Gvern fuq "Xebh bejn l-Istorja Letterarja tal-Ilsien Anglo-Sassonu u dik tal-Ilsien Malti" The (sic) fl-istess Uffiċċju mogħti f'ġieh l-oratur.

**16.8.1934.** Skond l-Ittri Patenti dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta (Emendi) il-Malti sar l-Ilsien uffiċjali tal-Qrati; b'hekk l-ilsna uffiċjali saru tlieta, jiġifieri l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti.
Il-Malti beda issa jkun mgħallem fl-Iskejjel tal-Gvern fuq is-sistema tal-grammatka tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti; l-ewwel għalliema kienu: Gejtu Cauchi, Salvu Gatt, Godfrey Zarb Adami; wara xi żmien daħal Victor Apap u ftit wara Ġużè Chetcuti. Minn Cremona, Gejtu Cauchi u Godfrey Zarb Adami kienu jgħallmu l-Liceo fil-waqt li Salvu Gatt u Victor Apap fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet.
L-Iskrivani tas-Servizz Ċivili kienu obligati jattendu lezzjonijiet dwar il-kitba bil-Malti; surmastrijiet: E.B. Vella, Gejtu Cauchi u Godfrey Zarb Adami. Il-Malti daħal bħala suġġett obbligatorju fil-Kuleġġi tal-Għalliema; surmastrijiet: Gejtu Cauchi u Godfrey Zarb Adami.

**12.8.1936.** Ittri Patenti taw is-setgħa lill-Gvernatur ta' Malta li jillegisla permezz ta' ordinanzi. B'Ordinanza tal-Gvernatur l-ilsna Ingliż u Malti saru dawk uffiċjali ta' Malta, jiġifieri l-Ingliż sar l-ilsien tal-amministrazzjoni u l-Malti l-ilsien tal-Qrati.

**1937.** Sejħa mit-Tabib Ġużè Bonnici biex min irid jissieħeb ħalli tibda toħroġ "Ġabra ta' Kitba Maltija".

**5.7.1938.** Sir Harry Luke, Logutenent Gvernatur laqa' t-talba li l-isem tal-Membri tal-Kunsill jibda jidher fil-Gażżetta tal-Gvern.

**1938.** Is-Sur Ġużè Chetcuti nħatar Segretarju Onorarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti flok is-sur Saver Caruana.

**12.2.1939.** Laqgħa Akkademika bil-ħsieb li l-Imseħbin jiltaqgħu u jitkellmu dwar il-Letteratura Maltija.

**Marzu, 1939.** Twaqqfet ix-"Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti "bil-għan li jixxerred il-Malti bħala lsien letterarju u li jitħarsu jeddijietu".

**26.10.1940.** L-Għaqda kitbet lill-Gvern biex titlob li l-Malti jkun imdaħħal fl-ismijiet kollha tat-triqat ta' Malta u Għawdex.

**6.12.1940.** L-Għaqda kitbet lill-Gvern biex tfissér ix-xewqa tagħha li t-tagħlim tal-Malti jidħol fil-klassijiet kollha tal-Liceo u ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet — billi dak it-tagħlim kien jibda mir-raba' klassi.

**22.12.1940.** L-Għaqda għamlet Laqgħa Akkademika.

**1940.** L-Avukat Ġużè Aquilina laħaq Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-Università ta' Malta. Hu kien it-tieni Professur li kellu dik il- kattedra, wara Mikiel Anton Vassalli, li kien laħaq Professur fl-1825.

**1940.** Il-professur Aquilina kien maħtur President tal-Għaqda tal-Malti (UNIV.) flok il-Professur P.P. Saydon.

**1940.** L-Għaqda ħatret Kummissjoni sabiex tara x'tibdil jista' u kellu jsir fl-Istatut.

**18.5.1941.** Laqgħa Ġenerali. Korrispondenza dwar il-post ta' Traduttur Anzjan mal-Gvern.

**1941.** IL-MALTI ta' Diċembru ħareġ bħala Għadd Speċjali biex ifakkar għeluq is-70 sena ta' Dun Karm.

**1942.** Ħatra ta' Kumitat ġdid — Patrun: San Luqa, Evanġelista.

**1942.** Twaqqfet l-Għaqda tal-Malti (Dockyard).

**1942.** Beda jingħata mill-Gvern sussidju ta' £10 fis-sena.

**1942.** Ir-Re Ġorġ VI ta l-**GEORGE CROSS** lil Malta. Il-P.E.N. Club fakkar il-kittieba Maltin.

**1943.** Twaqqaf il-Kunsill Ċentrali taħt il-Presidenza tal-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

**1943.** Intbagħat lill-Gvern Memorandum dwar it-Terminoloġija Legali.

**1943.** Tnieda Konkors ta' Poeżija.

**1943.** Saret talba għal rappresentanza fl-Assemblea Nazzjonali.